

Brussell, 8 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

13288/24

LIMITE

CORLX 872
CFSP/PESC 1269
COEST 489
FIN 777

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/...

ta'...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 dwar miżuri restrittivi
fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-28 ta' April 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/891¹.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha lir-Repubblika tal-Moldova u r-reżiljenza, is-sigurtà, l-istabbiltà, l-ekonomija u l-provvista tal-enerġija tagħha fid-dawl ta' attivitajiet destabbilizzanti minn atturi esterni.
- (3) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika tal-Moldova, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jżiedu ħames persuni u entità waħda mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/891.
- (4) Għalhekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/891 tat-28 ta' April 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 114, 2.5.2023, p. 15).

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

L-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi":

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elencar
"12.	Evghenia GUȚUL	Funzjoni: Gvernatur tal-Unità Territorjali Awtonoma ta' Gagauzia Data tat-twelid: 5.9.1986 Post tat-twelid: Etulia, Vulcănești, SSR Moldova (issa Republic of Moldova) Sess: mara Nazzjonalità: Ir-Repubblika tal-Moldova	Evghenia Guțul hija l-Gvernatur (Bashkan) tal-Unità Territorjali Awtonoma ta' Gagauzia fir-Repubblika tal-Moldova. Qabel kienet taħdem għall-partit politiku 'SHOR' ('ŞOR') ta' Ilan Shor, li issa huwa pprojbit, u kienet involuta fil-finanzjament illegali tiegħu. Hija pproponiet diversi assoċjati ta' Shor biex jimlew pożizzjonijiet fil-Kumitat Eżekuttiv ta' Gagauzia, minkejja l-fatt li dawk l-individwi ma għandhomx rabtiet ma' Gagauzia. Minkejja li ma kellhiex il-kompetenza kostituzzjonali biex tagħmel dan, bħala Gvernatur hija involviet ruħha fi żjara formali fil-Federazzjoni Russa u ltaqgħet mal-President Russu Vladimir Putin. Hija talbet lil Putin għal u rċeviet assigurazzjoni tal-appoġġ tar-Russja għad-drittijiet, l-awtorità u l-pożizzjonijiet ta' Gagauzia. Bil-promozzjoni tas-separatiżmu fl-Unità Territorjali Awtonoma ta' Gagauzia u r-rabtiet mill-qrib mal-Federazzjoni Russa, Evghenia Guțul qed ttipprova twaqqaf l-ordni kostituzzjonali, u b'hekk qed thedded is-sovranià u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, u d-demokrazija, l-istabbiltà u s-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elekar
13.	Iurii CUZNEȚOV	Funzjoni: Viċi Kap tad-Dipartiment Ġenerali għall-għar-Relazzjonijiet Esterni, Unità Territorjali Awtonoma ta' Gagauzia Data tat-twelid: 18.7.1988 Post tat-twelid: SSR Moldova (issa Republic of Moldova) Sess: raġel Nazzjonalità: Ir-Repubblika tal-Moldova Numru ta' Identifikazzjoni tal-Istat (IDNP): 2004042080868	Iurii Cuznețov, eks membru tal-partit politiku SHOR' ('ŞOR') ta' Ilan Shor', huwa l-Viċi Kap tad-Dipartiment Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Unità Territorjali Awtonoma ta' Gagauzia. Huwa nġhaqad ma' Evghenia Guțul fiż-żjara tagħha fil-Federazzjoni Russa u kien involut fl-iskema biex jiġu ffinanzjati ċittadini Gagauzjani permezz ta' bank Russu. Huwa appoġġa b'mod attiv il-kampanja ta' Evghenia Guțul għall-Gvernatur (Bashkan) ta' Gagauzia. Iurii Cuznețov huwa għalhekk assoċjat ma' Evghenia Guțul.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
14.	Nelli PARUTENCO	Funzjoni: Fundatur/Direttur ta' Evrazia Data tat-twelid: 21.3.1962 Sess: mara Nazzjonalità: Ir-Repubblika tal-Moldova Numru ta' Identifikazzjoni tal-Istat (IDNP): 0970403899047	Nelli Parutenco kienet it-teżorier tal-partit politiku 'SHOR' ('ŞOR') ta' Ilan Shor, sakemm ġie pprojbit. Fil-kuntest tal-investigazzjonijiet dwar SHOR għal finanzjament illegali, hija ħarbet lejn Moska fl-2022. Parutenco issa hija l-fundatur u d-direttur u tal-assoċjazzjoni mhux governattiva Evrazia bbażata fir-Russja, li l-għan tagħha huwa li tippromwovi l-interessi Russi fl-eks repubbliki Sovjetiċi, inkluż fir-Repubblika tal-Moldova. Evrazia tippromwovi narrattivi ta' propaganda Russi, inkluż fost it-tfal żgħar fil-kampijiet taż-żgħażaġhli torganizza. Evrazia sservi bħala mezz biex jiġi pprovdut finanzjament minn bank Russu u minn Ilan Shor liċ-ċittadini u proġetti ta' infrastruttura f'Gagauzia. Permezz ta' Evrazia, Nelli Parutenco għalhekk qed tipprova twaqqqa' l-ordni kostituzzjonali, u b'hekk qed thedded is-sovranià u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, u d-demokrazija, l-istabbiltà u s-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova. Nelli Parutenco hija assoċjata ma' Evrazia. Barra minn hekk, Nelli Parutenco hija assoċjata ma' Ilan Shor.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-ejenkar
15.	Ilia UZUN	Funzjoni: Viċi President tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Unità Territorjali Awtonoma ta' Gagauzia, membru tal-Assemblea tal-Poplu ta' Gagauzia Data tat-twelid: 16.5.1967 Post tat-twelid: Chioselia Rusă, Comrat, SSR Moldova (issa Republic of Moldova) Sess: raġel Nazzjonalità: Ir-Repubblika tal-Moldova Numru ta' Identifikazzjoni tal-Istat (IDNP): 0961607975268	Ilia Uzun huwa membru tal-Assemblea tal-Poplu ta' Gagauzia u Viċi President tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Unità Territorjali Awtonoma ta' Gagauzia. Huwa ltaqa' ma' Ilan Shor f'Israel biex jiddiskuti l-implimentazzjoni fil-Gagauzia tal-pjanijiet elettorali tal-Gvernatur (Bashkan) Evghenia Guțul. Ilia Uzun huwa involut fit-tixrid tal-propaganda Russa, immedija mit-tim ta' Ilan Shor. Huwa ppjana, attenda u mexxa dimostrazzjonijiet kontra l-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Moldova organizzati minn Ilan Shor jew is-soċji tiegħu. Huwa appoġġa pubblikament lil Ilan Shor jew l-azzjonijiet tiegħu. Għaldaqstant huwa assoċjat ma' Ilan Shor.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elekar
16.	Mihail VLAH	Funzjoni: Viċi Gvernatur u Konsulent dwar ir-relazzjonijiet mal-media tal-Gvernatur tal-Unità Territorjali Awtonoma ta' Gagauzia Data tat-twelid: 4.2.1978 Sess: raġel Nazzjonalità: Ir-Repubblika tal-Moldova Numru tal-Passaport: 2000019014568	Mihail Vlah huwa viċi għall-Gvernatur (Bashkan) ta' Gagauzia, Evghenia Guțul. Huwa ġie maħtur minn Evghenia Guțul iżda l-ħatra tiegħu ma ġietx approvata mill-Assemblea tal-Poplu ta' Gagauzia. Huwa wkoll il-konsulent tar-relazzjonijiet mal-media ta' Evghenia Guțul. Huwa ltaqa' ma' Ilan Shor f'Iżrael biex jiddiskuti l-implimentazzjoni f'Gagauzia tal-pjanijiet elettorali tal-Gvernatur Guțul. Huwa ppjana u attenda dimostrazzjonijiet kontra l-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Moldova, b'appoġġ ta' Evghenia Guțul jew organizzati minn Ilan Shor jew is-soċji tiegħu. Huwa appoġġa pubblikament l-azzjonijiet ta' Ilan Shor jew ta' Evghenia Guțul. Għaldaqstant, Mihail Vlah huwa assoċjat ma' Ilan Shor u Evghenia Guțul. Barra minn hekk, huwa ħa sehem f'dimostrazzjoni vjolenti kontra l-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova u pprova jiddestabbilizza l-ordni kostituzzjonali billi sostna li r-Reġjun Territorjali Awtonomu ta' Gagauzia għandu d-dritt li jiftaħ rappreżentanzi diplomatiċi barra mill-pajjiż.	+";

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(2) l-entrata li ġejja tiżdied taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi":

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elencar
"2.	Evrasia Organizzazzjoni awtonoma mhux kummerċjali għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali	Tip ta' entità: Organizzazzjoni mhux kummerċjali Awtonoma Indirizz: Moscow, 127006, Krasnoproletarskaya Street 7, office 4/P, Russian Federation Numri tar-reġistrazzjoni: OGRN: 1247700291200 INN: 9707028663 KPP: 770701001 Sit web: https://evrazia.su/	Evrasia hija assoċjazzjoni mhux governattiva bbażata fir-Russja mwaqqfa minn Nelli Parutenco. L-għan tagħha huwa li tippromwovi l-interessi Russi fl-eks repubbliki Sovjetiċi, inkluż fir-Repubblika tal-Moldova. Evrazia tippromwovi narrattivi ta' propaganda Russi, inkluż fost it-tfal żgħar fil-kampijiet taż-żgħażaġh li torganizza. Evrazia sservi bħala mezz biex jiġi pprovdut finanzjament minn bank Russu u minn Ilan Shor liċ-ċittadini u proġetti ta' infrastruttura f'Gagauzia. Evrasia għalhekk qed tipprowa twaqqfa' l-ordni kostituzzjonali, u b'hekk qed thedded is-sovranià u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, u d-demokrazija, l-istabbiltà u s-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova. Evrasia hija assoċjata ma' Nelli Parutenco. Barra minn hekk, Evrazia hija assoċjata ma' Ilan Shor.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.